

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2012 —  
Wesergold Getränkeindustrie vs UASI — Lidl Stiftung  
(WESTERN GOLD)**

(Kawża T-278/10) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali WESTERN GOLD — Trade marks nazzjonali, internazzjonali u Komunitarji verbali preċedenti WESERGOLD, Wesergold u WeserGold — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Karattru distintiv tat-trade marks preċedenti”)*

(2012/C 343/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG (Rinteln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Goldenbaum, T. Melchert u I. Rohr, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Marx u M. Schaeffer, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta’ Marzu 2010 (Każ R 770/2009-1) dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG u Lidl Stiftung & Co. KG.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-24 ta’ Marzu 2010 (Każ R 770/2009-1) hija annullata.*
- (2) *L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Wesergold Getränkeindustrie GmbH & Co. KG.*
- (3) *Lidl Stiftung & Co. KG għandha tbat l-ispejjeż tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 221, 14.8.2010

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Settembru 2012 —  
L-Ungerija vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-407/10) <sup>(1)</sup>

*(“Fondi strutturali — Għajjuna finanzjarja — Linja tal-ferrovija Budapest-Kelenföld-Székesfehérvár-Boba — VAT — Nefqa mhux eliġibbli”)*

(2012/C 343/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér u K. Szíjjártó, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblyté, D. Triantafyllou u V. Bottka, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-8 ta’ Lulju 2010, dwar il-proġett maġġuri intitolat “Bini mill-ġdid tal-linja tal-ferrovija Budapest-Kelenföld-Székesfehérvár-Boba, l-ewwel taqsima, l-ewwel fażi” u li jagħmel parti mill-programm operattiv “Trasport” li jipprevedi għajjnuna strutturali tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond ta’ Koeżjoni (CCI 2008HU161PR015).

**Dispożittiv**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 317, 20.11.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Settembru 2012 —  
HerkuPlast Kubern vs UASI — How (eco-pack)**

(Kawża T-445/10) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja eco-pack — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti ECOPAK — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2012/C 343/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: HerkuPlast Kubern GmbH (Ering, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Württenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Heidi A. T. How (Harrow, ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta’ Lulju 2010, (Każ R 1014/2009-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn HerkuPlast Kubern GmbH u Heidi A. T. How.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-Deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-27 ta’ Lulju 2010, (Każ R 1014/2009-4) hija annullata.*